MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Numru 234/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander sive Sandro Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander sive Sandro Cardona talli;

Fil-15 ta' Lulju 2002, ghall-habta tan-nofs siegha ta' bil-lejl gewwa Hal-Lija, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus, minn fond numru 51, 'La Chateau' sitwat fi Triq Ganni Buhagiar, Hal-Lija, ikkwalifikat bil-hin, mezz, lok u valur li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1000) u li sar ghad-detriment ta' Pierre Camilleri;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Pierre Camilleri liema hsara teccedi l-hamsin liri Maltin (Lm50) izda anqas minn hames mitt liri Maltin (Lm500);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alexander sive Sandro Cardona hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal perijodu ta’ prigunerija ta’ sentejn sospizi ghal erba’ snin filwaqt li ordnat li jkun taht supervizjoni u li jhallas erbat elef liri Maltin (Lm4000) lill-vittmi Pierre u Josette konjugi Camilleri;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-12 ta’ Lulju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija, tirrevoka l-piena u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali jirrigwarda l-piena. Huwa jilmenta li l-ewwel Qorti mponiet piena ta’ prigunerija sospiza ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali meta dan huwa espressament vjetat fl-artikolu 28A(7) meta jkun hemm ir-recidiva u l-appellat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, inkluz ir-recidiva.

Minn ezami ta' l-atti tal-process jirrizulta li fit-8 ta’ Novembru 2004 l-appellat gie akkuzat bir-reati hawn fuq elenkati. Wara li kienu nstemghu kwazi l-provi kollha tal-prosekuzzjoni, l-appellat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu fis-seduta tat-28 ta’ April 2005.

B’nota ta’ rinviju ta’ l1 ta’ Gunju 2005 l-Avukat Generali baghat lill-appellat biex jigi gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Fis-seduta tat-23 ta’ Gunju 2005 il-kawza giet deciza u l-appellat gie kkundannat ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, kif ukoll tqieghed taht supervizjoni skond l-artikolu 28G (erronejament indikat fis-sentenza bhala 28A) tal-Kodici Kriminali.

Fost l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat kien hemm il-hames imputazzjoni, cioe` dik li sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Mid-dokumenti esibiti (kopji ta’ diversi sentenzi u l-fedina penali ta’ l-appellat) jirrizulta effettivament li l-appellat instab hati diversi drabi mill-Qrati taghna dwar serq. Bizzejjed tissemma’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-31 ta’ Mejju 1999 dwar diversi serqiet li l-appellat kien wettaq fl-1993 u li biha gie kkundannat ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn u sentenza ohra ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta’ Dicembru 2000 li kkonfermat sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fejn l-appellat kien gie kkundannat ghal tmintax-il xahar prigunerija u gie ordnat li sentenza sospiza tat-2 ta’ Awissu 1996 (li kienet estendiet il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza tat-30 ta’ Mejju 1991 ghal perijodu ta’ tnax-il xahar prigunerija) tigi reza effettiva.

Il-ligi f'dan ir-rigward hija <u>carissima</u> u <u>inekwivoka</u>. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali jiddisponi li ordni li permezz taghha sentenza ta' prigunerija tigi sospiza "<u>ma ghandux isir</u> … <u>(b)</u> <u>meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini ta' l-artikolu 50</u>" (sottolinear tal-Qorti).

Waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, id-difensur ta' l-appellat osserva li, ghalkemm ma gie verbalizzat xejn f’dar-rigward, is-sentenza li nghatat kienet ir-rizultat ta’ patteggjament li kien sar mill-partijiet u ghaliex kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll l-ewwel Qorti riedu jaghtu

opportunita` lil-appellat li kien qieghed juri li qieghed jipprova jzomm ‘il boghod mill-kriminalita`.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li dak li wassalha biex taghti sentenza sospiza ta’ prigunerija kien il-fatt li l-appellat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti minn jeddu u l-fatt li l-fedina penali tieghu turi anqas stabbilita` fl-ahhar snin. Dan induciha ghalhekk biex anke taghmel ordni ta’ supervizjoni sabiex l-appellat ikollu ghajnuna biex jaqbad it-triq tar-riforma.

Filwaqt li din il-Qorti tapprezza r-ragunijiet li tat l-ewwel Qorti, jibqa’ l-fatt li l-appellat gie akkuzat u ammetta wkoll ir-recidiva a tenur ta’ l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u li l-ligi stess timpedixxi l-applikazzjoni ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija f’tali kaz. Naturalment l-ewwel Qorti setghet, kieku riedet, applikat il-provvedimenti ta’ l-Att dwar il-Probation biex tassigura li l-appellat ikollu dik is-sorveljanza li dehrilha li jehtieg. Dan m’ghamlitux probabilment minhabba l-fedina penali xejn felici ta’ l-appellat  mnejn jirrizulta li bejn is-sena 1989 u s-sena 2000 nghata *conditional discharge* erba’ darbiet, tqieghed taht *probation* darba ghal perijodu ta’ tliet snin, inghata l-beneficcju ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija darbtejn, gie kkundannat ghall-hlas ta’ multi jew ammendi hames darbiet u gie kkundannat ghal prigunerija effettiva darbtejn.

Din il-Qorti hija tal-fehma li meta jitqiesu l-fatturi kollha fuq imsemmija, il-fatt li r-reati huma reati serji u li l-appellat diga` nghata opportunitajiet biex ibiddel ir-rotta u jaqbad it-triq tar-rijabilitazzjoni - opportunitajiet li sfortunatament sfumaw fix-xejn – u meta jitqies li ma ngabitx l-icken prova dwar kemm verament l-appellat qieghed jaghmel minn kollox biex, fi kliem l-ewwel Qorti, “jaqbad it-triq tar-riforma” - per ezempju lanqas hjiel ta' tentattiv biex jirritorna r-refurtiva jew jaghmel tajjeb ghad-danni - m'hemmx alternattiva ohra hlief li tinghata piena karcerarja. Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti sejra tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-appellat hati ta’ l-imputazzjonjiet kollha dedotti kontra tieghu, tirrevokaha f'dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u ordnat li jkun taht supervizjoni u jhallas Lm4,000 lill-vittmi u minflok, u wara li rat l-artikoli 17, 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278(1)(2)(3), 289, 31 u 20 tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija minn liema perijodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------